A.L. 66 ta' l-2005

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU (KAP. 371)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara li kkonsulta lill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir- regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jissejħu r-Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti principali". A.L. 88 ta' l-2004.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jestendi l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti prinċipali għal istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi u, għal dan l-għan, li jittrasponi d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2000/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru, 2000 li temenda Direttiva 2000/12/KE rigward il-bidu u l-eżerċizzju tal-kummerċ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti principali:

(a) minflok it-tifsira "l-istituzzjoni ta' kreditu" għandu jidħol dan li gej:

" "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser impriża li n-negozju tagħha jkun li tirċievi depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura mingħand il-pubbliku u li tagħti krediti akkont tagħha nnifsha u tinkludi wkoll istituzzjoni ta' flus elettroniċi;";

(b) minnufih wara t-tifsira "fergħa" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "flus elettroniċi" tfisser il-valur monetarju, kif rappreżentat minn talba li ssir fuq min ikun qiegħed joħroġ dawk il-flus, liema valur ikun:

(i) maħżun fuq mezz elettroniku;

(ii) maħruġ meta jiġu riċevuti fondi f'ammont li ma jkunx inqas fil-valur mill-valur monetarju maħruġ; u

(iii) aċċettat bħala mezz ta' ħlas minn impriżi li ma jkunux min joħroġ il-flus;

"istituzzjoni ta' flus elettroniċi" tfisser kull persuna, minbarra istituzzjoni ta' kreditu, li toħroġ mezzi ta' ħlas fil-forma ta' flus elettroniċi;";

(ċ) minflok it-tifsira "Tribunal" għandu jidħol dan li ġej:

" "Tribunal" tfisser it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji stabbilit skond l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

u kliem u frażijiet li jintużaw ukoll fl-Att u li ma humiex imfissra f'dawn ir-regolamenti, għandu jkollhom l-istess tifsira kif għandhom fl-Att.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti principali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolamenti (5) u (6) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (6) u (7) rispettivament; u

(b) minnufih wara s-subregolament (4), għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien xahrejn kif stipulat fis-subregolament (4), tħejji għas-sorveljanza ta' l-istituzzjoniji ta' kreditu Ewropea.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok is-subregolament (3) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Meta l-awtorità kompetenti tkun irċeviet avviż bħal dak u tkun ġiet mgħarrfa bl-intenzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tipprovdi servizzi f'Malta, l-awtorità kompetenti għandha, meta jkun hekk adatt, tavża lill-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea b'kull disposizzjoni li tkun tapplika.".